SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

22 ta' Diċembru 2008 *

Fil-Kawża C-336/07,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Verwaltungsgericht Hannover (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Ġunju 2007, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-19 ta' Lulju 2007, fil-proċedura

Kabel Deutschland Vertrieb und Service GmbH & Co. KG

vs

Niedersächsische Landesmedienanstalt für privaten Rundfunk,

fil-preżenza ta':

Norddeutscher Rundfunk,

Zweites Deutsches Fernsehen,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

ARTE GEIE,

Bloomberg LP,

Mitteldeutscher Rundfunk,

MTV Networks Germany GmbH, aventi kawża ta' VIVA Plus Fernsehen GmbH,

VIVA Music Fernsehen GmbH & Co.KG,

MTV Networks Germany GmbH, aventi kawża ta' MTV Networks GmbH & Co. oHG,

Westdeutscher Rundfunk,

RTL Television GmbH,

RTL II Fernsehen GmbH & Co. KG,

VOX Film und Fernseh-GmbH & Co. KG,

RTL Disney Fernsehen GmbH & Co. KG,

SAT. 1 Satelliten-Fernsehen GmbH *et*,

Regio.TV GmbH,

Eurosport SA,

TM-TV GmbH & Co. KG,

ONYX Television GmbH,

Radio Bremen,

Hessischer Rundfunk,

Nederland 2,

Hamburg 1 Fernsehen Beteiligungs GmbH & Co. KG,

Turner Broadcasting System Deutschland GmbH,

n-tv Nachrichtenfernsehen GmbH & Co. KG,

Bayerischer Rundfunk,

Deutsches Sportfernsehen GmbH,

NBC Europe GmbH,

BBC World,

Mediendienst Borkum — Kurverwaltung NSHB Borkum GmbH,

Friesischer Rundfunk GmbH,

Home Shopping Europe GmbH & Co. KG,

Euro News SA,

Reise-TV GmbH & Co. KG,

SKF Spielekanal Fernsehen GmbH,

TV 5 Europe,

DMAX TV GmbH & Co. KG, li qabel kienet XXP TV — Das Metropolenprogramm GmbH & Co. KG,

RTL Shop GmbH,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, T. von Danwitz, R. Silva de Lapuerta, G. Arestis (Relatur) u J. Malenovský, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Poiares Maduro,
Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-2 ta' Ottubru 2008,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Kabel Deutschland Vertrieb und Service GmbH & Co. KG, minn H.-J. Niemeyer u W. Spoerr, Rechtsanwälte,

— għan-Niedersächsische Landesmedienanstalt für privaten Rundfunk, minn A. Fischer, bħala aġent, assistit minn C. Krebs, ġurist,

— għal DMAX TV GmbH & Co. KG, li qabel kienet XXP TV — Das Metropolenprogramm GmbH & Co. KG, minn A. Luedtke u K. Kempermann, Rechtsanwälte,

— għal Eurosport SA, minn M. Schmittmann, Rechtsanwalt,

— għal Home Shopping Europe GmbH & Co. KG, minn R. Schütz, Rechtsanwalt,

— għal Norddeutscher Rundfunk, minn H. Brendel, ġurist, assistit minn W. Hahn, Rechtsanwalt,

— għal MTV Networks Germany GmbH, aventi kawża ta' VIVA Plus Fernsehen GmbH *et*, minn J. Kreile, Rechtsanwalt,

— għal SAT. 1 Satelliten-Fernsehen GmbH *et*, minn C. Wagner u A. Gründwald, Rechtsanwälte,

— għal Westdeutscher Rundfunk, minn E.-M. Michel u M. Libertus, ġuristi,

— għal TM-TV GmbH & Co. KG, minn E. Freifrau von Weichs, Rechtsanwältin,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u J. Möller, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn T. Materne, bħala aġent, assistit minn A. Berenboom u A. Joachimowicz, avukati,

— għall-Irlanda, minn D. O'Hagan, bħala aġent, assistit minn A. Collins, SC, u N. Cahill, barrister,

— għall-Gvern Żvediż, minn A. Falk, bħala aġent,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn V. Jackson, bħala aġent, assistita minn M. Gray, barrister,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn A. Nijenhuis u G. Braun, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU L 108, p. 51).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Kabel Deutschland Vertrieb und Service GmbH & Co. KG (iktar 'il quddiem "Kabel Deutschland") u n-Niedersächsische Landesmedienanstalt für privaten Rundfunk (Uffiċċju tal-Land tas-Sassonja t'Isfel għax-xandir bir-radju privat, iktar 'il quddiem in-"NLM") dwar l-obbligu impost fuqha minn dan tal-aħħar li xxandar fuq in-netwerk bil-kejbil analoġiku l-kanali tat-televiżjoni mxandra minn ċerti xandara magħżula min-NLM.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

Id-Direttiva 2002/21/KE

3 Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas]) (ĠU L 108, p. 33, iktar 'il quddiem id-"Direttiva Qafas"), tipprovdi fil-ħames u s-sitt premessi tagħha:

"(5) Il-konverġenza tat-telekomunikazzjonijiet, il-media u s-settturi tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni tfisser li n-networks kollha ta' trażmissjoni u servizzi għandhom ikunu koperti b'kwadru [b'qafas] regolatorju wieħed. Dak il-kwadru [qafas] regolatorju jikkonsisti f'din id-Direttiva u […] id-[Direttiva Servizz Universali] […] (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejħa 'id-Direttivi Speċifiċi'). Huwa meħtieġ li ssir separazzjoni bejn ir-regolament[azzjoni] tat-trasmissjoni u r-regolament[azzjoni] tal-kontenut. Dan il-kwadru [qafas] għalhekk ma jkoprix il-kontenut tas-servizzi mwassla fuq in-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li jużaw servizzi elettroniċi ta' komunikazzjonijiet, bħal kontenut tax-xandir, is-servizzi finanzjarji u ċerti servizzi tas-soċjeta ta' l-informazzjoni, u hija għalhekk bla preġudizzju għall-miżuri meħuda fil-livell tal-Komunità u dak nazzjonali dwar dawk is-servizzi, b'konformità mal-liġi tal-Komunità, sabiex jippromwovu diversità kulturali u lingwistika u biex jiżguraw id-difiża tal-pluraliżmu fil-midja […] Is-separazzjoni bejn ir-regolament[azzjoni] tat-trasmissjoni u r-regolament[azzjoni] tal-kontenut ma tippreġudikax li jingħata kont tar-rabtiet li jeżistu bejniethom, b'mod partikolari biex jiġi garantit il-pluraliżmu tal-midja, id-diversità kulturali u l-protezzjoni tal-konsumatur.

(6) Il-politika awdjoviżwali u r-regolament[azzjoni] tal-kontenut huma mwettqa lejn il-ksib ta' miri ta' interess ġenerali, bħal-libertà ta' l-espressjoni, il-pluraliżmu tal-midja, l-imparzjalità, id-diversità kulturali u lingwistika, l-inklużjoni soċjali, l-protezzjoni tal-konsumatur u l-protezzjoni tal-minuri. […]"

4 L-Artikolu 1(3) tad-Direttiva Qafas jipprovdi:

"Din id-Direttiva kif ukoll id-Direttivi Speċifiċi huma mingħajr preġudizzju għall-miżuri meħuda fil-livell tal-Komunità jew nazzjonali, b'konformità mal-liġi tal-Komunità, li jfittxu miri ta' interess ġenerali, b'mod partikolari li jirrelataw mar-regolament[azzjoni] tal-kontenut u l-politika awdjo-viżwali."

Id-Direttiva Servizz Universali

5 Skont it-tlieta u erbgħin premessa tad-Direttiva Servizz Universali, "[l]-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistipulaw obbligi proporzjonati fuq impriżi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, fl-interess ta' konsiderazzjonijiet leġittimi ta' politika pubblika, iżda dawk l-obbligi għandhom ikunu imposti biss fejn ikunu meħtieġa biex jissodisfaw il-miri ta' interess ġenerali definiti b'mod ċar mill-Istati Membri b'konformità mal-liġi tal-Komunità u għandhom ikunu proporzjonati, trasparenti u suġġetti għal reviżjoni perjodika. […]"

6 L-Artikolu 31 tal-imsemmija direttiva, li jaqa' taħt il-Kapitolu IV tagħha, intitolat "Interessi u drittijiet ta' l-utenti finali", li jikkonċerna l-obbligi ta' trażmissjoni (must carry), jaqra kif ġej:

"1. L-Istati Membri jistgħu jimponu obbligi raġonevoli ta' trasmissjoni (must carry), għat-trasmissjoni ta' kanali u servizzi speċifiċi [speċifikati] tax-xandir tar-radju u tat-televiżjoni, fuq impriżi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom li jfornu networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi użati għad-distribuzzjoni ta' xandir tar-radju jew tat-televiżjoni lill-pubbliku fejn numru sinjifikanti ta' utenti finali ta' dawk in-networks jużawhom bħala l-mezzi prinċipali tagħhom biex jirċievu xandir bir-radju jew bit-televiżjoni. Dawk l-obbligi għandhom jiġu imposti biss fejn huma meħtieġa biex jilħqu miri ta' interess ġenerali definiti b'mod ċar u għandhom ikunu proporzjonati u trasparenti. L-obbligi għandhom ikunu suġġetti għal reviżjoni perjodika.

2. La l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u lanqas l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2002/19/KE (Direttiva ta' Aċċess) m'għandhom jippreġudikaw il-kapaċità ta' Stat Membru li jistabbilixxi, remunerazzjoni adatta, jekk ikun hemm, dwar miżuri meħuda skond dan l-Artikolu waqt li jassiguraw li, f'ċirkostanzi simili, ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni fit-trattament ta' impriżi li jfornu networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Fejn hemm previst remunerazzjoni, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li tiġi applikata b'mod proporzjonat u trasparenti."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

7 L-Artikoli 52 u 53 tat-Trattat tal-Istat dwar ix-xandir u l-medja televiżivi (Rundfunkstaatsvertrag), tal-31 ta' Awwissu 1991, fil-verżjoni tat-Tmien Trattat tal-Istat ta' emenda

dwar ix-xandir (Achter Rundfunkänderungsstaatsvertrag), tat-8 u l-15 ta' Ottubru 2004 (iktar 'il quddiem ir-"RStV"), ittrasponew l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali fil-liġi interna tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

8 Rigward it-trażmissjoni mill-ġdid ta' kanali tat-televiżjoni fuq in-netwerk bil-kejbil analoġiku, l-Artikolu 52(1) tar-RStV jipprovdi:

"It-trażmissjoni mill-ġdid simultanja u mingħajr l-ebda modifika tal-programmi tat-televiżjoni li jistgħu jinqabdu fuq it-territorju kollu tar-Repubblika Federali u li jixxandru b'mod legali fl-Ewropa u skont il-Konvenzjoni Ewropea dwar it-televiżjoni trasnkonfinali hija awtorizzata mil-leġiżlazzjoni tal-Länder fil-kuntest tal-possibbiltajiet tekniċi eżistenti. It-trażmissjoni mill-ġdid ta' programmi tat-televiżjoni tista' tiġi sospiża f'konformità mad-dispożizzjonijiet Ewropej fil-qasam tax-xandir. Regolamenti tal-Länder fil-qasam tal-użu tal-kanali analoġiċi huma leġittimi meta jkunu neċessarji sabiex jintlaħqu għanijiet ta' interess ġenerali definiti b'mod ċar. Huma jistgħu b'mod partikolari jiġu adottati sabiex tiġi ggarantita sistema ta' medja pluralista u jiġu organizzati skont l-eżiġenza relatata mad-diversità ta' opinjonijiet. Id-dettalji, b'mod partikolari l-klassifikazzjoni tal-applikanti skont ordni ta' prijorità fit-tqassim tal-possibbiltajiet tal-użu tal-kanali bil-kejbil, għandhom jiġu rregolati bil-leġiżlazzjoni tal-Länder."

9 L-Artikolu 53a tar-RStV jipprovdi:

"L-Artikoli 52 u 53 huma perjodikament, jiġifieri kull tliet snin u għall-ewwel darba fil-31 ta' Marzu 2007, suġġetti għal reviżjoni skont l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva [Servizz Universali]."

10 Fil-Land tas-Sassonja t'Isfel, il-Liġi dwar il-medja (Niedersächsisches Mediengesetz), tal-1 ta' Novembru 2001, fil-verżjoni li hija applikabbli għall-kawża prinċipali, jiġifieri

dik tas-6 ta' Settembru 2005 (iktar 'il quddiem in-"NMedienG"), tirregola t-trażmissjoni mill-ġdid tas-servizzi ta' xandir u l-provvista tas-servizzi ta' medja fuq in-netwerk bil-kejbil analoġiku.

11 It-tqassim tal-kanali tan-netwerk bil-kejbil analoġiku huwa previst fl-Artikolu 37(1), (2) u (7) tan-NMedienG, li jipprovdi:

"1. Il-kejbil maħsub sabiex jaqbad b'mod analoġiku l-programmi tat-televiżjoni għandu jippermetti li jinqabdu tal-anqas il-programmi tat-televiżjoni li, skont din il-liġi, jistgħu jkunu trażmessi permezz ta' netwerk terrestri jew permezz tal-kejbil jew li huma mxandra skont liġi oħra tal-Land tas-Sassonja t'Isfel. Jekk il-kanali bil-kejbil ikollhom portati tekniċi differenti, il-programmi msemmija fl-ewwel sentenza għandhom jiġu integrati fl-offerta tal-kanali li għandha l-akbar portata. Rigward it-trażmissjoni tal-programmi tax-xandir għaċ-ċittadini, l-ewwel u t-tieni sentenzi għandhom jiġu applikati biss fit-territorji msemmija fl-Artikolu 28(1). […]

2. Fin-nuqqas ta' numru suffiċjenti ta' kanali fuq il-kejbil għal programmi oħra tat-televiżjoni, in-[NLM] jistabbilixxi klassifikazzjoni skont l-ordni ta' prijorità sabiex tiġi rregolata l-allokazzjoni ta' kanal tal-kejbil lill-programmi tat-televiżjoni li ma tteħdux inkunsiderazzjoni taħt il-paragrafu 1. Din tinkludi b'mod ekwu s-servizzi tal-medja fis-sens tat-Trattat tal-Istat dwar is-servizzi tal-medja (Staatsvertrag über Mediendienste). L-element determinanti sabiex tiġi stabbilita din il-klassifikazzjoni huwa l-kontribuzzjoni tad-diversi programmi jew servizzi għad-diversità tal-offerta fuq il-kejbil; għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet fil-qasam tal-informazzjoni fuq livell reġjonali jew fuq territorju li jaqbeż il-limiti tal-Land.

[…]

7. Fit-territorji ddeterminati skont l-Artikolu 28(1), l-operaturi tan-netwerk bil-kejbil huma obbligati jqiegħdu għad-dispożizzjoni mingħajr ħlas sa kanal tat-televiżjoni wieħed u kanal tar-radju wieħed għat-trażmissjoni ta' programmi ta' xandara għaċ-ċittadini awtorizzati fuq l-imsemmija territorji, fuq talba ta' dawn tal-aħħar."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

12 Fil-Land tas-Sassonja t'Isfel, Kabel Deutschland topera netwerks bil-kejbil li huma proprjetà tagħha. Fuq dawn in-netwerks bil-kejbil, għandha 32 kanal li jistgħu jintużaw fuq bażi permanenti għat-trażmissjoni analoġika.

13 Is-37 intervenjent fil-kawża prinċipali huma xandara televiżivi jew fornituri ta' servizzi ta' medja ("medja televiżivi"), li wħud minnhom jipprovdu servizzi ta' teleshopping (iktar 'il quddiem, flimkien, ix-"xandara"). Dawn ix-xandara kollha jintegraw il-kanali tagħhom tat-televiżjoni jew is-servizzi tagħhom tal-medja televiżivi fin-netwerks bil-kejbil tal-Kabel Deutschland. Uħud minnhom huma wkoll mxandra permezz tan-netwerk terrestri skont l-istandards tat-televiżjoni diġitali permezz ta' frekwenzi terrestri ("Digital Video Broadcasting Terrestrial", iktar 'il quddiem id-"DVB-T") f'ċerti partijiet tal-Land tas-Sassonja t'Isfel.

14 B'deċiżjoni tad-19 ta' Settembru 2005, in-NLM, bħala awtorità kompetenti f'dan il-Land, irregola t-tqassim tat-32 kanal tat-televiżjoni disponibbli fuq in-netwerk bil-kejbil analoġiku ta' Kabel Deutschland kif ġej: 18-il kanal ġew imqassma lil xandara li l-kanali tagħhom ġew ikklassifikati bħala "kanali speċifikati" mill-NMedienG fid-dawl tal-fatt li dawn kienu diġà mxandra mid-DVB-T; il-benefiċċju ta' kanal ieħor ingħata inparti lill-Bürgerfernsehen (televiżjoni taċ-ċittadini), ukoll bħala xandar li jxandar programm speċifikat minn din il-liġi f'territorji partikolari; rigward it-13-il kanal li

baqa', minħabba li kien hemm iktar applikanti milli kanali disponibbli, in-NLM stabbilixxa, skont l-Artikolu 37(2) tan-NMedienG, klassifikazzjoni skont l-ordni ta' prijorità tad-diversi xandara.

15 Din l-iskema ta' użu tal-kejbil wasslet għall-użu tal-kanali kollha disponibbli tan-netwerk bil-kejbil analoġiku ta' Kabel Deutschland.

16 Din tal-aħħar ippreżentat rikors, quddiem il-Verwaltungsgericht Hannover, kontra d-deċiżjoni tad-19 ta' Settembru 2005, li fih invokat l-inkompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet tan-NMedienG dwar l-użu tan-netwerk bil-kejbil analoġiku mal-Artikolu 31 (1) tad-Direttiva Servizz Universali. Skont Kabel Deutschland, l-obbligu, impost min-NLM, li tintegra fin-netwerk bil-kejbil analoġiku tagħha l-kanali tat-televiżjoni ta' ċerti xandara għandu jiġi kkunsidrat illegali minħabba li dawn huma diġà mxandra mid-DVB-T f'partijiet kbar tal-Land tas-Sassonja t'Isfel u li għandhom, għalhekk, jiġi reżi aċċessibbli għall-istess utenti finali. Kabel Deutschland qajmet ukoll l-illegalità tal-obbligu li tintuża t-totalità tad-disponibbiltà tan-netwerk bil-kejbil analoġiku tagħha meta, bħal f'dan il-każ, hemm iktar applikanti milli kanali analoġiċi disponibbli.

17 Barra minn hekk, fid-19 ta' April 2007, in-NLM issostitwixxa d-deċiżjoni tad-19 ta' Settembru 2005 b'deċiżjoni analoga li twassal ukoll għall-użu tat-totalità tan-netwerk bil-kejbil analoġiku ta' Kabel Deutschland. Minbarra l-bdil ta' xi xandara, din l-aħħar deċiżjoni għandha l-istess kontenut bħal dik li ssostitwixxiet u, barra minn hekk, hija s-suġġett ta' rikors ippreżentat minn Kabel Deutschland fi proċeduri ġodda li ġew sospiżi fuq talba tal-partijiet fil-kawża prinċipali.

18 F'dawn iċ-ċirkustanzi, billi l-Verwaltungsgericht Hannover għandu dubji dwar il-konformità mal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali tal-obbligu impost fuq Kabel Deutschland li jirriżulta mill-Artikolu 37 tan-NMedienG, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna n-natura proporzjonata u raġonevoli ta' tali obbligu, huwa ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Dispożizzjoni bħal dik tal-Artikolu 37(1) tan-[NMedienG] hija kompatibbli ma' l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva [Servizz Universali], jekk operatur tan-netwerk bil-kejbil huwa obbligat jipprovdi aċċess, fuq iktar minn nofs il-kanali preżenti fin-netwerks tiegħu u li jistgħu jintużaw fuq bażi permanenti għat-trażmissjoni analoġika, għal programmi li, għalkemm ma jkoprux it-territorju kollu tal-Land tas-Sassonja t'Isfel, huma diġà mxandra permezz ta' netwerk terrestri skont it-teknoloġija DVB-T-Standard?

2) Dispożizzjoni bħal dik tal-Artikolu 37(1) tan-[NMedienG] hija kompatibbli mal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva [Servizz Universali], jekk operatur tan-netwerk bil-kejbil ikun obbligat jipprovdi aċċess għal programmi televiżivi fuq in-netwerks bil-kejbil analoġiċi tiegħu anki fiż-żoni tal-Land li fihom l-utenti finali tal-kejbil ikun kapaċi, permezz ta' erjil terrestri u dikowder, li jirċievi l-istess programmi televiżivi anki permezz ta' netwerk terrestri skont it-teknoloġija DVB-T-Standard?

3) Il-kunċett ta' "servizzi tat-televiżjoni" skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva [Servizz Universali] jinkludi wkoll il-forniturі ta' servizzi tal-medja jew tal-medja televiżivi bħal, pereżempju, it-teleshopping?

4) Dispożizzjoni bħal dik tal-Artikolu 37(1) tan-[NMedienG] hija kompatibbli mal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva [Servizz Universali], jekk, fil-każ li jonqsu xi stazzjonijiet, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tistabbilixxi lista tal-applikanti skont ordni ta' prijorità li twassal għall-użu tal-kanali kollha disponibbli għall-operatur tan-netwerk bil-kejbil?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel, it-tieni u r-raba' domandi

19 Bl-ewwel, bit-tieni u bir-raba' domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġizlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, minn naħa, tobbliga lill-operatur tan-netwerk bil-kejbil jintegra fin-netwerk bil-kejbil analoġiku tiegħu l-kanali u s-servizzi tat-televiżjoni li huma diġà mxandra b'mod terrestri, u b'hekk twassal għall-użu ta' iktar minn nofs il-kanali disponibbli fuq dan in-netwerk, u, min-naħa l-oħra, fil-każ ta' nuqqas ta' kanali, timponi klassifikazzjoni tal-applikanti skont ordni ta' prijorità li twassal għall-użu tat-totalità tal-kanali disponibbli fuq l-imsemmi netwerk.

20 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva Servizz Universali tagħmel parti mill-qafas regolatorju komuni tas-setturi tat-telekomunikazzjonijiet, tal-medja u tat-teknoloġija tal-informatika, stabbilit bid-Direttiva Qafas u bid-Direttivi Speċifiċi, fosthom id-Direttiva Servizz Universali, kif jirriżulta mill-ħames premessa tad-

Direttiva Qafas. Minn dan isegwi li dan il-qafas regolatorju għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Servizz Universali.

21 Skont l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali, l-Istati Membri jistgħu jimponu obbligi raġonevoli ta' "must carry", għat-trażmissjoni ta' kanali u servizzi speċifikati tax-xandir tat-televiżjoni, fuq impriżi li jfornu netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi użati għax-xandir ta' programmi tat-televiżjoni lill-pubbliku fejn numru sinjifikattiv ta' utenti finali ta' dawn in-netwerks jużawhom bħala l-mezzi prinċipali tagħhom sabiex jirċievu dawn il-programmi. Din id-dispożizzjoni tipprovdi wkoll li dawn l-obbligi jistgħu jiġu imposti biss fejn huma meħtieġa biex jilħqu miri ta' interess ġenerali definiti b'mod ċar u għandhom ikunu proporzjonati u trasparenti.

22 Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jimponu l-obbligi ta' "must carry", l-ewwel sentenza tal-imsemmija dispożizzjoni teżiġi li l-kanali tat-televiżjoni jkunu speċifikati u li numru sinjifikattiv ta' utenti finali jużaw in-netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi bħala mezzi prinċipali sabiex jirċievu l-programmi tat-televiżjoni.

23 Fil-kawża prinċipali, jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li n-netwerk bil-kejbil analoġiku jissodisfa din l-aħħar kundizzjoni minħabba li, fil-Ġermanja, dan il-metodu ta' trażmissjoni jilħaq madwar 57 % tad-djar u għalhekk jikkostitwixxi l-iktar mezz ta' trażmissjoni użat.

24 Rigward in-natura speċifikata tal-kanali li jistgħu jibbenefikaw mill-istatus ta' "must carry", jirriżulta mill-kliem tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali li l-Istati Membri għandhom jindikaw b'mod speċifiku l-kanali li ser jingħatalhom l-istatus ta' "must carry".

25 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 37(1) tal-NMedienG jispeċifika li l-kejbil maħsub sabiex jaqbad b'mod analoġiku l-programmi tal-kanali tat-televiżjoni għandu jippermetti li jinqabdu tal-anqas dawk li huma awtorizzati jiġu trażmessi minn netwerk terrestri. Skont it-tieni paragrafu tal-imsemmija dispożizzjoni, id-deċiżjoni li l-awtorità kompetenti hija obbligata tieħu, għandha tispeċifika, billi tagħmel klassifikazzjoni tal-applikanti f'ordni ta' prijorità, il-kanali li l-operatur tan-netwerk bil-kejbil għandu jxandar. Għalhekk, tali dispożizzjonijiet jindikaw b'mod speċifiku l-kanali li għandu jingħatalhom l-istatus ta' "must carry".

26 Is-sempliċi fatt li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali twassal sabiex l-operatur tan-netwerk bil-kejbil ikun kostrett, minn naħa, li jintegra fl-offerta tiegħu, fuq iktar min-nofs il-kanali disponibbli, il-programmi mxandra b'mod terrestri u, min-naħa l-oħra, li jattribwixxi l-kanali l-oħra kollha li jkunu għadhom disponibbli għat-trażmissjoni tal-programmi magħżula, skont ordni ta' prijorità stabbilita mill-awtorità kompetenti, ma jipprekludix li dawn l-obbligi jkunu kkunsidrati li huma relatati mat-trażmissjoni tal-kanali tat-televiżjoni "speċifiċi [speċifikati]" fis-sens tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali. Fil-fatt, meta teżiġi li l-kanali tat-televiżjoni li jittrażmettu jkunu "speċifiċi [speċifikati]", l-imsemmija direttiva ma tfittixx li tistabbilixxi kundizzjoni kwantitattiva.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 37 tal-NMedienG huwa konformi mal-kundizzjonijiet imposti mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali, kif imfakkra fil-punt 22 ta' din is-sentenza.

28 Rigward il-kwistjoni tal-proporzjonalità tal-obbligi imposti, li tqajmet mill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizzi Universali jeżiġi li dawn l-obbligi jkunu raġonevoli, proporzjonati, trasparenti u meħtieġa biex jiġi ggarantit it-twettiq ta' miri ta' interess ġenerali definiti b'mod ċar.

29 Fil-fatt, skont it-tlieta u erbgħin premessa tad-Direttiva Servizz Universali, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistipulaw obbligi proporzjonati fuq impriżi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, fl-interess ta' kunsiderazzjonijiet leġittimi ta' politika pubblika, iżda dawn l-obbligi għandhom ikunu imposti biss fejn ikunu meħtieġa biex jissodisfaw il-miri ta' interess ġenerali definiti b'mod ċar mill-Istati Membri b'konformità mal-liġi tal-Komunità u għandhom ikunu proporzjonati, trasparenti u suġġetti għal reviżjoni perjodika.

30 Minħabba li l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali ma jiddefinixxix il-miri ta' interess ġenerali li jfittex li jilħaq l-obbligu li jiġu trażmessi kanali tat-televiżjoni, id-definizzjoni tagħhom trid tingħata mill-Istati Membri b'konformità mad-dritt Komunitarju.

31 Sabiex tiġi evalwata d-definizzjoni ta' dawn il-miri ta' interess ġenerali mogħtija mill-Istati Membri u l-proporzjonalità tal-miżuri meħuda għall-implementazzjoni ta' dawn il-miri, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, kif ġie mfakkar fil-punt 20 ta' din is-sentenza, il-qafas regolatorju komuni tas-settur tat-telekomunikazzjonijiet, tal-medja u tat-teknoloġija tal-informatika.

32 Kif jirriżulta mill-ħames premessa tad-Direttiva Qafas, huwa neċessarju li ssir distinzjoni bejn ir-regolamentazzjoni tat-trażmissjoni u dak tal-kontenut. Skont l-imsemmija premessa, il-qafas regolatorju Komunitarju ma jkoprix il-kontenut tax-xandir u, għalhekk, l-Artikolu 1(3) ta' din id-direttiva jipprovdi li din tal-aħħar, kif ukoll id-Direttiva Servizz Universali huma mingħajr preġudizzju għall-miżuri meħuda fuq livell nazzjonali b'konformità mad-dritt Komunitarju li jfittxu li jilħqu miri ta' interess ġenerali, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna r-regolamentazzjoni tal-kontenut u l-politika awdjoviżiva. Skont is-sitt premessa tad-Direttiva Qafas, il-politika awdjoviżiva u r-regolamentazzjoni tal-kontenut huma mwettqa sabiex jintlaħqu miri ta' interess ġenerali, bħal-libertà ta' espressjoni, il-pluraliżmu tal-midja, l-imparzjalità, id-diversità kulturali, l-inklużjoni soċjali, il-protezzjoni tal-konsumatur u tal-minuri.

33 Għandha tiġi enfasizzata, b'mod partikolari, l-importanza tal-libertà fundamentali li tinkiseb informazzjoni li d-destinatarji tagħha huma l-utenti finali u li l-Istati Membri huma l-garanti tagħha, skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

34 Minn dan jirriżulta li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali ma tistax tippreġudika l-leġiżlazzjoni nazzjonali li, b'konformità mad-dritt Komunitarju, tfittex li tilħaq miri ta' interess ġenerali, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna r-regolamentazzjoni tal-kontenut u tal-politika awdjoviżiva. Skont dan it-tqassim ta' kompetenzi, l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali, li jaqa' taħt il-Kapitolu IV tagħha, intitolat "Interessi u drittijiet ta' l-utenti finali", ma jistabbilixxix dritt, għall-operatur tan-netwerk bil-kejbil, li jagħżel il-kanali li għandu jxandar, imma jillimita dan id-dritt sa fejn dan jeżisti taħt id-dritt nazzjonali applikabbli.

35 Sabiex tiġi eżaminata l-proporzjonalità tal-obbligi ta' trażmissjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 31(1), għandu jiġi kkonstatat li, rigward il-miri ta' interess ġenerali li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tfittex li tilħaq, jirriżulta mit-termini tal-Artikolu 37 tal-NMedienG moqri flimkien mal-Artikolu 52(1) tar-RStV, li din il-leġiżlazzjoni tfittex li tiggarantixxi l-pluraliżmu fil-midja u d-diversità tal-offerta fuq in-netwerk bil-kejbil analoġiku.

36 Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, l-għan tal-Artikolu 52(1) tar-RStV huwa li tkun żgurata offerta wiesgħa kemm jista' jkun fuq in-netwerk bil-kejbil analoġiku kif ukoll id-diversità ta' opinjonijiet f'soċjetà pluralista filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-partikolaritajiet u s-suġġetti reġjonali. L-Artikolu 37 tal-NMedienG għandu dan l-għan u, b'mod partikolari, il-paragrafu 2 tiegħu jipprovdi li l-element determinanti sabiex tiġi stabbilita l-klassifikazzjoni tal-kanali skont l-ordni ta' prijorità huwa l-kontribuzzjoni tagħhom għad-diversità tal-offerta fuq il-kejbil u li, f'dan il-kuntest,

għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet fil-qasam tal-informazzjoni fuq livell reġjonali jew fuq territorju li jaqbeż il-limiti tal-Land tas-Sassonja t'Isfel.

37 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li ż-żamma tal-pluraliżmu li tfittex li tiggarantixxi l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija marbuta mal-libertà tal-espressjoni, kif protetta mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, liema libertà hija fost id-drittijiet fundamentali ggarantiti mis-sistema legali Komunitarja (ara s-sentenzi tal-25 ta' Lulju 1991, Collectieve Antennevoorziening Gouda, C-288/89, Ġabra p. I-4007, punt 23; tat-3 ta' Frar 1993, Veronica Omroep Organisatie, C-148/91, Ġabra p. I-487, punt 10; tal-5 ta' Ottubru 1994, TV10, C-23/93, Ġabra p. I-4795, punt 19, u tat-13 ta' Diċembru 2007, United Pan-Europe Communications Belgium *et*, C-250/06, Ġabra p. I-11135, punt 41).

38 Għalhekk, għandu jiġi aċċettat li tali leġiżlazzjoni tfittex li tilħaq mira ta' interess ġenerali, peress li tfittex li jippreżerva n-natura pluralista tal-offerta tal-kanali tat-televiżjoni fil-Land tas-Sassonja t'Isfel u li b'hekk tifforma parti minn politika kulturali li għandha l-għan li tissalvagwardja, fis-settur awdjoviżiv, il-libertà tal-espressjoni tad-diversi komponenti, b'mod partikolari dawk soċjali, kulturali u lingwistiċi, li jeżistu f'dan il-Land (ara, f'dan is-sens, sentenza United Pan-Europe Communications Belgium *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42).

39 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fl-ewwel lok, jekk l-obbligu impost fuq Kabel Deutschland, previst fl-Artikolu 37(1) tal-NMedienG, li tintegra l-kanali diġà mxandra mill-DVB-T, liema obbligu jwassal għall-użu ta' iktar minn nofs il-kanali disponibbli tan-netwerk bil-kejbil analoġiku, huwiex ta' natura proporzjonata fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali. Għalhekk, din il-qorti tistaqsi jekk tali dispożizzjoni hijiex xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-mira li din tal-aħħar tfittex li tilħaq u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tintlaħaq din il-mira.

40 L-għan stess li tiġi ggarantita offerta identika għall-utenti finali mxandra permezz tad-diversi mezzi ta' trażmissjoni jipprekludi l-possibbiltà li jiġi aċċettat obbligu limitat li jixxandru l-kanali, fid-dawl tal-fatt li, f'ċerti reġjuni tat-territorju tal-Land tas-Sassjona t'Isfel, l-utenti finali jistgħu jaqbdu l-istess kanali tat-televiżjoni permezz tan-netwerk terrestri. Barra minn hekk, dan il-għan jeżiġi li n-numru ta' kanali tan-netwerk bil-kejbil analoġiku previst mill-obbligu ta' trażmissjoni jkun jikkorrispondi għan-numru ta' dawk li jixxandru b'mod terrestri. Għalhekk, fil-kawża prinċipali, l-obbligu inkwistjoni, li jwassal għall-użu ta' iktar minn nofs il-kanali disponibbli jista' jkun proporzjonat, fin-nuqqas ta' miżuri alternattivi li jippermettu li tintlaħaq il-mira mfittxija b'mod daqstant effikaċi u fid-dawl tan-numru ta' kanali mxandra b'mod terrestri u tad-disponibbiltà tan-netwerk bil-kejbil analoġiku.

41 Madankollu, sabiex jiġi evitat li l-operatur tan-netwerk bil-kejbil ikun espost għal obbligi irraġonevoli u arbitrarji, għandu jiġi vverifikat, minn naħa, il-funzjonament tal-mekkaniżmu stabbilit bil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tagħmel referenza għall-kanali mxandra b'mod terrestri sabiex tispeċifika l-obbligu ta' trażmissjoni u, min-naħa l-oħra, il-konsegwenzi ekonomiċi li jirriżultaw minnu għall-operatur tal-kejbil analoġiku.

42 Rigward il-mekkaniżmu ta' referenza stabbilit bil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, meta interpretat l-Artikolu 49 KE, li l-għoti tal-istatus ta' "must carry" ma jistax jingħata awtomatikament lill-kanali kollha tat-televiżjoni mxandra mill-istess xandar privat, imma għandu jkun strettament limitat għal dawk li l-kontenut globali tal-programmi tagħhom ikun xieraq sabiex tintlaħaq tali mira. Barra minn hekk, in-numru ta' kanali rriżervati għax-xandara privati li għandhom l-imsemmi status m'għandhomx jeċċedu manifestament dak li huwa neċessarju sabiex tintlaħaq din il-mira (ara s-sentenza United Pan-Europe Communications Belgium *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47).

43 Għalhekk, għandu jiġi eżaminat jekk il-mekkaniżmu ta' referenza stabbilit bil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistabbilixxix tali għoti awtomatiku tal-istatus ta' "must carry".

44 Għan-netwerk bil-kejbil analoġiku, l-Artikolu 37(1) tal-NMedienG jagħti l-istatus ta' "must carry" lill-kanali tat-televiżjoni li huma diġà mxandra mid-DVB-T. Jirriżulta mill-proċess mibgħut lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju li l-għażla magħmula għall-għoti ta' dan l-istatus lill-kanali mxandra mid-DVB-T hija bbażata fuq kriterji ta' pluraliżmu u ta' diversità ta' opinjonijiet, skont id-dispożizzjonijiet tal-NMedienG, u d-deċiżjoni ta' tali għażla hija adottata fuq il-bażi ta' dawn il-kriterji mil-laqgħa ġenerali tan-NLM li hija indipendenti mill-awtoritajiet pubbliċi u li hija komposta, prinċipalment, minn rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

45 Konsegwentement, il-mekkaniżmu ta' referenza ma jistabbilixxix għoti awtomatiku tal-istatus ta' "must carry" bħal dak imsemmi fil-punt 41 ta' din is-sentenza, imma jikkostitwixxi biss mezz tekniku sabiex jiġi żgurat li l-kanali mxandra b'mod terrestri u li, minħabba l-kontribuzzjoni tagħhom għall-pluraliżmu u għad-diversità ta' opinjonijiet, ġew awtorizzati jxandru b'dan il-mezz jiġu wkoll imxandra bin-netwerk bil-kejbil analoġiku.

46 Rigward il-konsegwenzi ekonomiċi li jirriżultaw mill-obbligi imposti fuq l-operatur tan-netwerk bil-kejbil, għandu jiġi eżaminat jekk dawn tal-aħħar humiex irraġonevoli minħabba li huma ta' natura li jimpedixxu lil dan tal-aħħar milli jwettaqhom f'kundizzjonijiet ekonomikament aċċettabbli, fid-dawl, jekk ikun il-każ, tal-operazzjonijiet kollha tiegħu.

47 Din l-evalwazzjoni taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju, iżda, skont ġurisprudenza stabbilita, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tipprovdi lill-qorti nazzjonali bl-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li jistgħu jkunu utli sabiex tingħata deċiżjoni fil-kawża li jkollha quddiemha, kemm jekk tkun għamlet referenza għalihom fid-domandi tagħha u kemm jekk le (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2007, Céline, C-17/06, Ġabra p. I-7041, punt 29).

48 Għalhekk, fl-evalwazzjoni tagħha, jekk l-obbligi imposti fuq l-operatur tan-netwerk bil-kejbil taħt il-leġiżlazzjoni inkwistjoni jirriżultaw li huma irraġonevoli, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li, minn naħa, l-operatur tan-netwerk bil-kejbil huwa liberu li jagħti lill-kanali tan-netwerk tiegħu użu analoġiku jew diġitali, fejn dan tal-aħħar mhuwiex suġġett għal skema komparabbli, u li, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 31(2) tad-Direttiva Servizz Universali tagħti l-fakultà lill-Istati Membri li jiddeterminaw remunerazzjoni xierqa. F'dan ir-rigward, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-obbligi imposti humiex ta' natura li jirrendu neċessarju l-għoti ta' tali remunerazzjoni.

49 Il-qorti tar-rinviju titlob, fit-tieni lok, jekk l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali jipprekludix l-Artikolu 37(2) tan-NMedienG, minħabba li dan tal-aħħar jobbliga lill-awtorità regolatorja kompetenti tistabbilixxi, għall-kanali disponibbli li jkun fadal u fil-każ ta' nuqqas ta' kanali, klassifikazzjoni tal-applikanti skont ordni ta' prijorità li twassal għall-użu tat-totalità tal-kanali disponibbli fuq in-netwerk bil-kejbil analoġiku.

50 Jirriżulta mill-Artikolu 37(2) tan-NMedienG li fin-nuqqas ta' numru suffiċjenti ta' kanali fuq il-kejbil għal programmi oħra tat-televiżjoni, in-NLM jistabbilixxi klassifikazzjoni b'ordni ta' prijorità sabiex tiġi rregolata l-allokazzjoni ta' kanal tal-kejbil lill-programmi tat-televiżjoni li ma ttiħdux inkunsiderazzjoni taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu. Skont din id-dispożizzjoni, l-element determinanti sabiex tiġi stabbilita din il-klassifikazzjoni huwa l-kontribuzzjoni tad-diversi programmi jew servizzi għad-diversità tal-offerta fuq il-kejbil.

51 Għandu jiġi aċċettat, f'dan ir-rigward, li l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni b'ordni ta' prijorità sabiex tiġi rregolata l-allokazzjoni tal-kanali disponibbli li jkun fadal tan-netwerk bil-kejbil analoġiku, fuq il-bażi tal-kontribuzzjoni tal-applikanti għad-diversità tal-offerta fuq dan in-netwerk, huwa xieraq sabiex jiġi ggarantit it-twettiq tal-miri ta' interess ġenerali previsti fl-imsemmija dispożizzjoni. Fil-fatt, dispożizzjoni nazzjonali,

bħall-Artikolu 37(2) tan-NMedienG, tikkostitwixxi mezz xieraq sabiex tintlaħaq il-mira kulturali prevista peress li, f'sitwazzjoni bħal din, hija ta' natura li tippermetti lit-telespettaturi jirċievu offerta pluralista u varjata fuq in-netwerk bil-kejbil analoġiku.

52 Rigward il-kwistjoni jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tilħaqx dawn il-miri b'mod raġonevoli u proporzjonat, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali ma jistabbilixxix dritt, għall-operatur tan-netwerk bil-kejbil, li jagħżel il-kanali li għandu jxandar, imma jillimita dan id-dritt sa fejn dan jeżisti taħt id-dritt nazzjonali applikabbli.

53 Fil-kuntest tal-politika awdjoviżiva, l-imsemmija leġiżlazzjoni tagħti lill-awtorità kompetenti, fil-każ ta' nuqqas ta' kanali disponibbli meta mqabbla mad-domanda għall-kanali ta' trażmissjoni, il-kompitu li tagħżel minn fost l-applikanti, fuq il-bażi tal-kontribuzzjoni tal-programmi tagħhom għad-diversità tal-offerta u għall-bżonnijiet ta' informazzjoni tal-pubbliku, minflok ma tippermetti lill-operatur tan-netwerk bil-kejbil stess li jagħmel l-għażla tiegħu skont kunsiderazzjonijiet purament ekonomiċi. B'hekk, din il-mira tista' tirrendi neċessarju l-fatt li l-kanali disponibbli kollha jintużaw għat-trażmissjoni tal-kanali, permezz ta' proċedura trasparenti li tissalvagwardja d-drittijiet tal-operaturi tan-netwerk bil-kejbil, sabiex, safejn ikun possibbli, il-possibbiltà ta' aċċess għan-netwerk bil-kejbil analoġiku tingħata lill-ikbar numru ta' applikanti li jkunu jimmeritaw tali aċċess minħabba l-kanali li huma jxandru.

54 Għalhekk, billi l-obbligi imposti huma, fil-kuntest tal-politika awdjoviżiva nazzjonali, neċessarji sabiex jintlaħqu l-miri ta' pluraliżmu u ta' diversità fil-medja, tali leġiżlazzjoni ma tistax, bħala regola, tiġi kkunsidrata li hija sproporzjonata.

55 Madankollu, rigward l-eventwali natura irraġonevoli tal-konsegwenzi ekonomiċi li jirriżultaw mill-obbligi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-operatur tan-netwerk bil-kejbil, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk dawn il-konsegwenzi humiex ta' natura li jimpedixxu lil dan tal-aħħar milli jwettaqhom f'kundizzjonijiet ekonomikament aċċettabbli, fid-dawl, jekk ikun il-każ, tal-operazzjonijiet kollha tiegħu.

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel, għat-tieni u għar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi fuq l-operatur tan-netwerk bil-kejbil li jintegra fin-netwerk bil-kejbil analoġiku tiegħu l-kanali u s-servizzi tat-televiżjoni li huma diġà mxandra b'mod terrestri, u b'hekk twassal għall-użu ta' iktar minn nofs il-kanali disponibbli fuq dan in-netwerk u li tipprovdi, fil-każ ta' nuqqas ta' kanali disponibbli, għal klassifikazzjoni tal-applikanti skont ordni ta' prijorità li twassal għall-użu tat-totalità tal-kanali disponibbli fuq l-imsemmi netwerk, sa fejn dawn l-obbligi ma jikkawżawx konsegwenzi ekonomiċi irraġonevoli, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

Fuq it-tielet domanda

57 B'din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk is-servizzi tal-medja televiżivi, bħat-teleshopping, humiex inklużi fil-kunċett ta' "servizzi tat-televiżjoni", fis-sens tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali.

58 Minn naħa, għandu jiġi kkonstatat, li din id-dispożizzjoni ma tagħti l-ebda definizzjoni tal-kunċett ta' "servizzi tat-televiżjoni". Għalhekk, sabiex jiġi interpretat dan il-kunċett,

għandhom jiġu eżaminati l-kliem u l-għan tagħha fid-dawl tal-finalità tad-Direttiva Servizz Universali.

59 Skont l-Artikolu 31(1) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri jistgħu jimponu obbligi raġonevoli ta' trażmissjoni, għat-trażmissjoni ta' kanali jew ta' servizzi speċifikati tar-radju u tat-televiżjoni, fuq l-operaturi ta' netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. F'dan ir-rigward, il-kliem ta' din id-dispożizzjoni jirreferi, b'mod ġenerali, għall-kanali u għas-servizzi tar-radju u tat-televiżjoni, mingħajr ma jispeċifika għal-liema tip ta' servizzi jistgħu jiġu imposti tali obbligi u, b'mod partikolari, mingħajr ma jispeċifika jekk is-servizzi tal-medja televiżivi jistgħux jibbenefikaw ukoll mill-istatus ta' "must carry".

60 Fil-fatt, l-imsemmija dispożizzjoni ma tkoprix il-kontenut tal-kanali u tas-servizzi tat-televiżjoni, imma tirrigwarda effettivament ir-regolamentazzjoni tat-trażmissjoni tagħhom permezz ta' netwerks tat-telekomunikazzjonijiet.

61 Din il-konstatazzjoni tirriżulta wkoll mill-qari tat-tlieta u erbgħin premessa tad-Direttiva Servizz Universali, li skontha l-Istati Membri jimponu ċerti obbligi ta' trażmissjoni fuq dawn in-netwerks għax-xandir lill-pubbliku ta' programmi tar-radju jew tat-televiżjoni.

62 Għalhekk, jirriżulta mill-Artikolu 31(1) tal-imsemmija direttiva, kif ukoll mill-għan li din id-dispożizzjoni tfittex li tilħaq, li l-leġiżlatur Komunitarju astjena milli jimponi kwalunkwe limitazzjoni tal-obbligi ta' "must carry" fuq livell ta' kontenut tas-servizzi tat-televiżjoni.

63 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni li teżamina l-kunċett ta' "servizzi tax-xandir bit-televiżjoni", fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KE tat-3 ta' Ottubru 1989 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU L 298, p. 23), kif emendata bid-Direttiva 97/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1997 (ĠU L 202, p. 60, iktar 'il quddiem id-Direttiva "89/552").

64 Fil-fatt, fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Ġunju 2005, Mediakabel (C-89/04, Ġabra p. I-4891), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li servizz jaqa' taħt il-kunċett ta' "xandir bit-televiżjoni" imsemmi fl-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/552 jekk ikun jikkonsisti fit-trażmissjoni inizjali ta' programmi tat-televiżjoni maħsuba għar-riċezzjoni mill-pubbliku, jiġifieri minn numru indeterminat ta' telespettaturi potenzjali, li lilhom jiġu trażmessi simultanjament l-istess immaġini. F'dan ir-rigward, il-kriterju determinanti ta' tali kunċett huwa dak tat-trażmissjoni ta' programmi tat-televiżjoni "maħsuba għar-riċezzjoni mill-pubbliku", u l-perspettiva ta' min jipprovdi s-servizz għandha konsegwentement tkun ipprivileġġata fl-analiżi. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll f'din is-sentenza li t-teknika ta' trażmissjoni tal-immaġini mhijiex element determinanti f'din l-evalwazzjoni.

65 Issa għandu jiġi indikat li s-servizzi tal-medja televiżivi, bħat-teleshopping, imxandra mid-diversi netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi huma, indipendentement mit-teknika ta' trażmissjoni użata minnhom, "maħsuba għar-riċezzjoni mill-pubbliku". Minn dan isegwi li l-imsemmija servizzi huma "servizzi tax-xandir bit-televiżjoni" fis-sens tad-Direttiva 89/552.

66 Din l-analiżi tista' tiġi applikata għall-kunċett ta' "servizzi tat-televiżjoni" fis-sens tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali. Fil-fatt, kif ġie indikat fil-punti 52 u 53 ta' din is-sentenza, din id-dispożizzjoni m'għandhiex l-għan li tiddefinixxi l-imsemmija servizzi, imma li tirregola t-trażmissjoni ta' dawn tal-aħħar permezz tal-impożizzjoni ta' obbligi ta' "must carry". Għalhekk, is-servizzi tal-medja televiżivi, bħat-teleshopping, huma servizzi tat-televiżjoni, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni u jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

67 Madankollu, is-servizzi tal-medja televiżivi, bħala servizzi tat-televiżjoni, ma jistgħu jaqgħu taħt l-obbligu ta' "must carry" impost mill-Istati Membri biss jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali, kif imfakkra fil-punti 22 u 26 ta' din is-sentenza.

68 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk tali kundizzjonijiet humiex sodisfatti fid-dawl tal-fatti kollha tal-kawża prinċipali.

69 Ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-kunċett ta' "servizzi tat-televiżjoni", fis-sens tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva Servizz Universali, ikopri s-servizzi tal-medja televiżivi, bħat-teleshopping, sa fejn il-kundizzjonijiet previsti f'din id-dispożizzjoni jkunu sodisfatti, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa.

Fuq l-ispejjeż

70 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 31(1) tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali), għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi fuq l-operatur tan-netwerk bil-kejbil li jintegra fin-netwerk bil-kejbil analoġiku tiegħu l-kanali u s-servizzi tat-televiżjoni li huma diġà mxandra b'mod terrestri, u b'hekk twassal għall-użu ta' iktar minn nofs il-kanali disponibbli fuq dan in-netwerk u li tipprovdi, fil-każ ta' nuqqas ta' kanali disponibbli, għal klassifikazzjoni tal-applikanti skont ordni ta' prijorità li twassal għall-użu tat-totalità tal-kanali disponibbli fuq l-imsemmi netwerk, sa fejn dawn l-obbligi ma jikkawżawx konsegwenzi ekonomiċi irraġonevoli, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.**

2) **Il-kunċett ta' "servizzi tat-televiżjoni", fis-sens tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva 2002/22, ikopri s-servizzi tax-xandara televiżivi jew tal-fornituri ta' servizzi ta' medja, bħat-teleshopping, sa fejn il-kundizzjonijiet previsti f'din id-dispożizzjoni jkunu sodisfatti, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa.**

Firem